**Fil-Qorti tal-Magistrati(Ghawdex)**
**Superjuri Civili**

**A. Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**
**Magistrat**

Seduta tal-15 ta' Jannar 2002

Citazzjoni Numru 134/00G1(AMT)

San Lawrenz Leisure Resort Limited

vs

Adam Jones u Spencer Seeley ezercitanti l-kummerc taht l-isem Jones & Seeley Interiors

Il-Qorti;

Ic-citazzjoni tas-socjeta attrici li taqra:

" li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar 2000 fic-citazzjoni numru 117/99 fl-ismijiet "Adam Jones u Spencer Seeley ezercenti l-kummerc taht l-isem Jones & Seeley Interiors - versus - San Lawrenz Leisure Resort Limited s-socjeta attrici giet ikkundannata biex thallas lill-konvenuti s-somma ta' erbat elef tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm4,356.97).

Illi n-segwitu ghal dan il-gudizzju s-socjeta konvenuta ipprocediet ghall-esekuzzjoni tieghu permezz tal-mandat ta' sekwestru 485/2000 fl-ismijiet "Adam Jones u Spencer Seeley ezercitat l-kummerc taht l-isem Jones & Seeley Interiors";

Illi hemm ragunijiet ghaliex is-socjeta attrici qeghdha titlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza billi l-istess sentenza inkisbet bi ksur tal-jeddijiet tas-socjeta attrici ghaliex ic-citazzjoni relattiva qatt ma waslet f'idejn jew giet a konoxxenza tad-diretturi taghha jew tal-persuna li tirraprezentaha fi proceduri gudizzjarji;

Illi kontestwalment ma ' din il-kawza qed tigi prezentata citazzjoni ghar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza;

Illi flimkien ma din il-kawza qed tinghata garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jekk din ma tigix imhassra kif rikjest fl-Artikolu 823(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lill-Qorti li:

1. tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-gudizzju fuq imsemmi inkluz tal-mandat ta' sekwestru fuq citat;

2. taghti dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata.

Ikkonstatat li n-notifika tal-konvenuti saret validament permezz tal-procedura tal-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12.

Rat li nonostante l-konvenuti baqghu kontumaci.

Ikkunsidrat:

Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha s-socjeta attrici rabtet it-talba taghha, konsistenti f'ordni ta' sospensjoni ta' sentenza moghtija kontra taghha fil-11 ta' Jannar 2000 u l-mandat ta' sekwestru konsegwenti, ghall-fatt li ntavolat kawza ta' ritrattazzjoni biex tattakka dik is-sentenza.

Bil-kontumacja taghhom il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li l-konvenuti qeghdin jaderixxu ghat-talba;

Ghaldaqstant, tiddeciedi li tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta attrici billi tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-gudizzju nascenti mill-kawza deciza fil-11 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet "Adam Jones u Spencer Seeley ezercenti l-kummerc taht l-isem Jones and Seeley Interiors - versus - San Lawrenz Leisure Resort Limited" (citazzjoni numru 117/99).

Fir-rigward it-tieni talba ma jidhirlix li ghandha taghti xi provvedimenti stante li l-kawza ta' ritrattazzjoni gia giet intavolata kif jinsab dikjarat.

Fic-cirkostanzi tordna li l-ispejjes ta' din il-kawza ikunu ghak-karigu tas-socjeta attrici.

(ft) Antonio Micallef Trigona
MAGISTRAT

(ft) Maureen Xuereb
D/Registratur

Kopja Vera

Ghar-Registratur